**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 469 / 2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**Karl Wilson**

Illum, 3 ta' Mejju, 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Karl Wilson, imwieled nhar is-17 ta' Frar 1993 u residenti 20, Moirchelle, Triq il-Karmnu, Fgura/85, Triq tal-Borg, Paola detentur tal karta tal-identita' numru 98693 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Fix-xhur ta' **Frar u Marzu 2021**, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

(1) Meta hekk ordnat min xi Qorti jew marbut b'kuntratt, naqas milli jaghti lil Shagana Azzopardi u/jew lill-uliedu, is-somma iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment, fi zmien hmistax-il jum minn dak il jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Dicembru, 2021, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 338 (z), 18 u 31 tal-Kodiči Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta sabet illi appellant Karl Wilson hati tal-imputazzjoni kif migjuba kontra tieghu u konsegwentement ikkundannatu ghal tlett xhur (3) prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellanti Karl Wilson minnhu pprezentat fil-21 ta' Dicembru, 2021, fejn talab lil din il-Qorti jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha timmodifika s-sentenza appellata tas-6 ta' Dicembru 2021 u dan billi thassar u tirrevoka s sentenza appellata kwantu sabet lil esponenti hati tal-akkuzi kollha kif dedotti u filwaqt li tilqa' 1-aggravji tal-esponenti, tilliberah minn kull akkuza kif dedotta u dan taht dawk id-direttivi li jidhrila xierqa u opportuni.

Rat illi l-aggravji ta' l-esponent huma cari w manifesti, w jikkonsistu f' dan li gej, u cioe' :

1. Illi dan l-appell qed ikun limitat biss ghal dak li jikkoncerna l-piena ta' tlett xhur prigunerija wara  li l-esponenti instabhati mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali illi huwa naqas li ihallas l-manteniment ghall-perjodu indikat fic-citazzjoni dovut lil Shagana Azzopardi u dan skond 1-istess digriet tal-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja). Stqarr  illi il-appellant bl-ebda mod ma ried jonqos mir-rispett jew li ma jobdix l-ordni moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja). Illi hekk kif indikat fl-espozizzjoni tal-fatti f'dan l-unli rikors tal-Appell l-appellant ma waqafx ihallas il manteiment fl-ammont ta' mitejn hamsin Ewro (€250) fix-xaghar ghal-bzonnijiet tat-tifel b'kaprice,biex jisfida jew bhala dizrispett lejn l-Awtorita' tal-Onorabbli Qorti izda huwa fatt illi l-appellanti ghamel perjodu dizokkupat, u ghadu dizokupat stante illi qed idur b'missieu illi huwa '*wheel chair bound*' u lanqas ma jircievi ghajnuna mis-Sigurta Socjali. Jghid li ghadu ma jistghax jircievi ghajnuna tant illi ghadu kemm sar DNA sabiex jigi kkonfermat illi Karl Wilson huwa ibnu sabiex jikkwalifika ghal-ghajnuna Socjali.

2. Illi minghajr pregudizzju u dwar il-piena, l-piena nflitta hija ghal kollox esegerata fic cirkostanzi anke jekk tinkwadra fil-parametri tal-ligi . Illi l-appellant ma jahdimx u m 'ghandhux mezzi finanzjajrji lanqas biex jghix hu.

3. Illi anke sentenzi ta’ prigunerija gew addattati sproporzjonati u cioe ghal hames xhur l imputat inghata 3 xhur prigunerija effettiva filwaqt illi ghal xaghrajn inghata l-istess sentenza.

4. Illi ghalhekk wkoll *in dubio pro reo* u ghandu jigi lliberat.

5. Illi l-appellant ma jahdimx u m'ghandux mnejn ihallas lil Shagana Azzopardi ghall- istsess ragunijiet kif stipulati hawn fuq. Illi mill-habs zgur li l-appellant ma huwiex ser jinexxielu ihallas manteniment. Illi inoltre Shagana Azzopardi tiehu I-assistenza socjali, tiehu cekkijiet ta' assistenza ta' persuni ohra familjari taghha w certament li qed tippercepixxi dhul ta' circa elf u mitejn ewro fix-xhar. Illi gew prezentati diversi ritratti fl-Onoroabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fejn Shagana Azzoppardi tefghat pubblikament ritratti tal-minuri mixhut fis-sodda fuq kutra koperta bi kwantita kbira ta’ flus li jammontaw ghal eluf ta’ ewro. Illi dan l avveniment ghadu kemm gie prezentat fil-kawza mil-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fejn l-provi ta' l-appellant ghadom iridu jigu osservati mill-istess. Illi f'dana x-xenarju fejn minn banda ghandek persuna li mhux qed idahhal sold, u minn naha l-ohra ghandek persuna li qed tghix komodament izda ghaliex trid il-"*pound of flesh*" trid li jew tkompli taghmel arrikkiment a skapitu ta' missier il-minuri jew titfghu l-habs, ghandhom il-Qrati taghna jservu ta' strument biex jakkolja dak li tixtieq b'sahha Shagana Azzopardi? Illi l-appellant dan jghidu ghaliex il-piena li tista' tinfliggi l-Qorti f'kaz bhal dan hija wahda vasta izda certament li m'ghandhiex tmur ghal aghar sanzjoni fic-cirkostanzi w tinfliggi habs.

6. Illi hekk immoru lura ghal Dicembru tas-sena 2019 1-appellant kien ivversa l-mantiniment hekk kif kien jaghmel kontinwament kull xhar lil omm il-minuri izda hija irrifjutat illi tiffirma li hija reevit 1-ammont ta (EUR250) hekk kif dovut ghall ragunijiet qarrieqa taghha. Illi ghalhekk qieghdin naraw illi l-problema qatt ma kienet 1-mantiniment *per se* izda l-unika intiza taghha hija vendetta fejn l-appellant jispicca fi prigunerja.

7. Illi l-appellant ilu ma jara il-iben minuri minn Dicembru tas-sena 2019 1-istess gurnata fejn Shagana Azzoppardi ghalqitlu l-bieb f'wiccu wara li ivversala 1-istess ammont dovut fejn hija ma riditx tirrikonoxxi l-istess pagament. Ghalhekk l-appellant fl-istess xhur illi wettaq l aggravji kien ivversa xi ammonti b'permezz ta transazzjoni bankarja li kienu gew mnaqqsa mill-ghejxien tieghu stess fejn kien anki sofra minn poverta kbira f'dak il-perjodu sabiex provda dan. Illi ghalhekk it-tfajla ta l-appellant qieghda tkopri l-ispejjez kolla necessarji tal Qorti fis-sitwazzjoni li huwa prezentament jinsab fiha.

   Dan hu kaz flagranti tad-drittijiet tal-esponenti u tnaqqis tad-drittijiet fondamentali tieghu b'mod li jirrendu pajjizna, li jippretendi li hu stat demokratiku, f'wiehed totalitarju fejn l individwu huwa biss suggett ta' investigazzjoni indiskriminata bbazata biss fuq flus li ma vversax ghal perjodu partikolari kif jidher li sehh f'dan il-kaz.

Rat ix-xhieda moghtija minn Shagana Azzopardi moghtija nhar is-6 ta' Dicembru 2021 fejn ikkonfermat li kienet ghamlet rapport dwar nuqqas ta' manteniment. Spjegat li hija ghandha tifel minuri in komuni mal-appellant li jismu Zyker Wilson u l-akkuzat appellant huwa missieru. Qalet li hemm ordni moghtija mill-Qorti li l-appellant ghandu ihallasha s-somma ta' €250 mensilment bhala manteniment ghal dan it-tifel. Qalet li kull ma rceviet kien il-pagament ta' xahar wiehed biss u cioe tax-xahar ta' Novembru, 2020. Qalet li l-appellant ma hallashiex ghaliex ma kienx qed jahdem pero hija taf li fil-fatt jahdem kien qieghed. Ikkonfermat li sa dak in-nhar li xehdet quddiem

il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali l-appellant ma kienx hallasha l-manteniment dovut.

Rat l-affidavit ta' PC 621 Christian Vassallo esebit fl-atti a fol 7 markat bhala dok SM. Dan spjega illi nhar it-12 ta' Marzu 2021 Shagana Azzopardi rraportat li missier it-tifel taghha Karl Wilson naqas milli jaghti manteniment dovut lit-tifel taghhom u dan fis-somma ta' €250 fix-xahar ghax-xahar ta' Frar 2021 u ghax xahar ta' Marzu 2021 u dan skond digriet mahrug minn Imhallef Vella datat 13 ta' Novembru, 2019.

Peress li kienu ma ghaddewx hmistax-il jum mill-iskadenza, il-kwerelanta giet mitluba terga tmur taggorna r-rapport f'kaz li ma tircevix il-manteniment u hekk ghamlet stante li l-akkuzat baqa' inadempjenti.

Karl Wilson irrikorra l-ghassa fejn inghata d-drittijiet legali tieghu izda rrinunzja ghall-assistenza legali u anke ffirma dikjarazzjoni tar-rifjut. Qal li ghax xahar ta' Frar 2021 kien taha s-somma ta' €90 waqt li ghax-xahar ta' Marzu 2021 kien taha s-somma ta' €80 u kompla jzid li hu taha dan l-ammont ghax dak biss seta jaghti.

Karl Wilson gie infurmat li kienu ser jinhargu l-akkuzi.

Rat l-okkorenza redatta minn PC 621 Christian Vassallo esebita fl-atti a fol. 10 tal-process markata bhala dok JM1.

**Karl Wilson** xehed nhar is-6 ta' Dicemberu 2021 u qal li kien ilu ma jahdem sentejn u l-ahhar li kien hadem kien gewwa it-Toly Products imbaghad hadem xahrejn go kumpanija u waqaf. Qal li kienu waqfuh mix-xoghol f'Marzu 2020 minhabba il-pandemija tal-Covid 19. Qal li kien ipprezenta rikors quddiem il-Qorti tal-Familja fejn talab li jigi ezentat mill-hlas stante li jinsab bla xoghol pero kien ghadu pendenti dakinhar li ta x-xhieda tieghu.

Illi nhar l-24 ta' Frar 2022 quddiem din l-istess Qorti l-appellant stqarr li l-ammont dovut lil Shagana Azzopardi fir-rigward tal-kawza odjerna kien ta' €500 pero meta l-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi migbura rrizulta li l-appellant kellu ihallas lill-kwerelanti s-somma ta' mija u sittin euro (€160) ghax-xahar ta' Frar 2021 u mija u tmenin euro (€180) ghax-xahar ta' Marzu 2021 u kien obbliga ruhu li jhallas dan l-ammont sas-seduta li jmiss u cioe sa nhar il-5 ta' April 2022.

Rat illi fis-seduta tal-5 ta' April 2022 l-appellant ma dehrx u ma giex esebit certifikat mediku. Il-Qorti akkordatlu l-fakolta li jipprezenta c-certifikat tieghu sa mhux aktar tard minn hamest ijiem minn dakinhar tal-udjenza pero dan ma sarx. Rat li dakinhar tal-5 ta' April 2022 il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat illi fis-seduta tat-28 ta' April, 2022 deher l-appellant u seduta stante ghadda is-somma ta' elf u mitt euro (€1,000) lill-kwerelanti li ddikjarat li m'ghandhiex pretensjoni ulterjuri fil-konfront tieghu in konnessjoni ma din l-istess kawza u ghalhekk hija sodisfatta bil-hlas li rceviet.

**Ikkunsidrat,**

Rat is-sentenza moghtija fl-ismijiet **il-Pulizija vs Simon Desira**[1] fejn il-Qorti qalet:-

> Illi tajjeb li jkun osservat in primis illi l-ewwel Qorti kkominat piena li hija fil-parametri ghar-reat li dwaru l-imputat instab hati u kif kostantement deciz minn din il-Qorti, ma huwiex normali li tkun disturbata d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm ma jkun hemm xejn x'juri li din kellha tkun anqas jew aktar minn dik erogata. Irid jinghad, izda, **illi f'kawzi ta' mertu konsimili, l-ghan tal-legislatur ikun milhuq meta l-imputat jottempera ruhu mal-ordni tal-Qorti**

[1] Decided by the Criminal Court of Appeal on the 4th October 2021. Vide also **il-Pulizija vs Francis Saliba** decided by the same court on the 19th July 2013.

**jew mal-obbligu kontrattwali tieghu li jhallas dak il-manteniment li hu intiz ghall-ghixien tal-ulied jew tal-parti civile.** [2]U f'dan ir-rigward ta' spiss issir eccezzjoni u hekk ser isir f'dawn il-proceduri wara li l-parte civile ddikjarat illi fil-mori irceviet il-hlas kollu lilha dovut;

Rat dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Francis Saliba</u>**[3]

*Hija ħaġa tajba li ntlaħaq arranġament bejn il-partijiet dwar is-sitwazzjoni tagħhom u dwar il-manteniment li kien dovut u fiċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ kif żviluppaw din il-Qorti tara li piena ta' detenzjoni ma tiswa xejn lil ħadd, la lis-soċjeta' li sentenza restrittiva tal-liberta għaliha dejjem okkażżjoni ta' swied il-qalb, la lill-amministrazzjoni tal-ġustizzja, li ma għandha xejn x'tiggwadanja iżjed darba li l-ordni tal-Qorti ġiet issa esegwita, la jista' jkollha xi effett riformatur in kwantu li s-sitwazzjoni ta' bejn l-appellant u martu ġiet definittivament riżolta, u ċertament anqas ma hi indikata bħala mezz ta' deterrent ġenerali peress li tali piena tista' sservi biss sabiex iġġarraf mill-ġdid l-għaqda familjari li llum nħolqot bejn l-appellant u uliedu. B'danakollu, l-Qorti ma hix bi ħsiebha tinkoraġixxi l-għemil tal-appellant billi min ikun fil-pożizzjoni tiegħu jaħseb li jkun jista' jinjora l-ordni tal-Qorti u jonqos mill-obbligi tiegħu tal-ħlas ta' manteniment bl-isperanza li eventwalment il-vertenzi bejnu u martu jiġu riżolti bonarjament waqt li fil-frattemp martu u uliedu jibqgħu bla ħlas ta' manteniment.*

Illi din il-Qorti tabbraccja dan l-insenjament u tghamlu taghha.

---

[2] Emphasis of this same court.

[3] Deciza 19 ta Lulju 2003

Ghalhekk, filwaqt li tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-mertu qeghda tirrevokaha fir-rigward tal-piena imposta stante li sar il-hlas dovut fil-mori tal-kawza.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda tilqa' l-appell i*n parte* billi qeghda tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fir-rigward ta' mertu u qeghda tirrevokha fir-rigward tal-piena imposta billi minflok qeghda tillibera lill-appellant bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghall-perijodu ta' sena millum ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur